

Brussell, 5 ta' Diċembru 2019  
(OR. en)

14434/19

ECOFIN 1068  
UEM 376  
DEVGEN 212

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13678/3/19 REV 3
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tiżni tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp – Konklużjonijiet tal-Kunsill (5.12.2019)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tiżni tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp adottati mill-Kunsill fit-3736 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAL-ARKITETTURA**  
**FINANZJARJA EWROPEA GĦALL-IŻVILUPP**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JFAKKAR fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) 2019/597 li tistabbilixxi Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief bil-kompitu li jipproduċi rapport indipendenti dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp.
2. FILWAQT LI JFAKKAR fl-oqfsa ta' politika u l-impenji stabbiliti fl-Aġenda 2030 u l-prinċipju tagħha biex Ħadd ma Jitħalla Jibqa' Lura, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp, l-Aġenda Strateġika l-ġdida għall-UE 2019-2024, l-Istrateġija Globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u Negożjati għat-Tkabbir, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2020, u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem.
3. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha flimkien huma l-akbar donaturi ta' għajjnuna għall-iżvilupp fid-dinja u l-isforzi tagħhom ikkontribwixxew għal titjib fit-tnaqqis tal-faqar, fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), inkluż it-tnaqqis fil-mortalità tat-tfal, l-avvanz fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-kisba tal-paċi u l-prosperità u stennija tal-għomor oġhla madwar id-dinja.
4. FILWAQT LI JFAKKAR li l-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza għadha ma ntrebħitx u li jenħtieġu aktar sforzi globalment biex jintlaħqu l-SDGs, filwaqt li sar dejjem aktar urġenti li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima permezz ta' investimenti fil-mitigazzjoni u l-adattament, kif ukoll billi tiġi evitata d-degradazzjoni tal-bijodiversità u tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali, li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat.

5. FILWAQT LI JFAKKAR li l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp għandha tippromwovi l-valuri u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-oġġettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.
6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol kritiku tal-kooperazzjoni multilaterali u s-sħubiji internazzjonali, ir-riskji li qed jiżdiedu li jirriżultaw minn kompetizzjoni ġeopolitika u ġeoeconomika u l-ħtieġa li tissaħħaħ l-arkitettura tal-UE għall-finanzjament sostenibbli tal-investment u l-konnettività f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab tagħna.
7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa kritika li jiġi attirat is-settur privat fil-finanzjament sostenibbli u li jintlaħqu l-SDGs, ir-rwol importanti tal-arkitettura finanzjarja Ewropea fil-faċilitazzjoni tal-investment privat u l-ħolqien ta' swieq sostenibbli, kif ukoll ir-rilevanza ta' klima abilitanti ta' investment u ambjent tan-negozju.
8. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-varjetà u d-diversità ta' atturi u strumenti fl-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp huma qawwa f'termini ta' kwalità, impatt, effettività u effiċjenza, li jeħtieġu koordinazzjoni u tmexxija adegwati, biex tiġi evitata l-frammentazzjoni u l-kompetizzjoni bla bżonn fuq il-prezzijiet jew il-kondizzjonalitajiet, u biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tagħha.
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza tar-riforma tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp sabiex jiġi massimizzat l-użu tar-riżorsi eżistenti u tissaħħaħ aktar il-viżibbiltà, l-impatt, l-effettività u l-koerenza tagħha, bħala parti minn sistema globali ta' finanzjament għall-iżvilupp fejn l-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali, reġjonali u bilaterali jaħdmu flimkien lejn għanijiet globali.
10. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-riżultati tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, u b'mod partikolari l-Kummissjoni, il-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp tal-Istati Membri, il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

11. JILQA' l-ħidma tal-Grupp ta' Persuni Għorrief dwar ir-rapport "EUROPE IN THE WORLD - The future of the European financial architecture for development" (L-EWROPA FID-DINJA - Il-futur tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp), li jagħti ħarsa lejn l-isfidi u l-opportunitajiet għat-titjib u r-razzjonalizzazzjoni tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp.
12. JAQBEL li hemm bżonn li l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp issir aktar b'saħħitha, aktar flessibbli, integrata, koerenti, strateġika, u li tirreaġixxi għall-ħtiġijiet tat-tibdil fil-klima u tal-iżvilupp; li r-riżorsi tagħha għandhom jiġu allokatu skont il-prijoritajiet u fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar, inkluż il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi fraġli, l-Afrika, il-Viċinat u reġjuni ġeografiċi oħra; u li hemm bżonn qabelxejn tiġi segwita l-politika u l-prinċipji tal-ħidma aħjar flimkien, u jiġu żgurati l-inklużività u r-responsabbiltà fil-pajjiżi sħab, kif ukoll it-trasparenza u l-akkontabbiltà.
13. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' kontinwità operattiva fil-ħidma tal-BEI u l-BERŻ waqt li tkun għaddejja r-riflessjoni dwar ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja għall-iżvilupp; JAPPELLA liż-żewġ istituzzjonijiet biex jieħdu kont sħiħ ta' dawn il-konklużjonijiet u biex jiżguraw li kwalunkwe pass li jittieħed jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tagħhom jew għall-oġettiv ta' arkitettura Ewropea msaħħa għall-finanzjament tal-iżvilupp, u mhux jimminahom.
14. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli bħala strument li jinċentiva l-parteċipazzjoni inklużiva u l-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp Ewropej u oħrajn, fuq il-bażi ta' arkitettura miftuħa, filwaqt li jiġi massimizzat il-finanzjament għall-iżvilupp mis-settur pubbliku u privat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi sħab.

*Passi immedjati li għandhom jittieħdu*

15. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex isaħħu r-responsabbiltà tagħhom lejn il-politika tal-iżvilupp tal-UE permezz ta' impenn aktar b'saħħtu, tmexxija politika regolari u gwida strateġika ulterjuri fil-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-UE, u interazzjoni u koordinazzjoni aktar effettivi mal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

16. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri, bl-appoġġ tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), biex jagħmlu proposti għal marka u narrattiva globali għall-istrateġija u l-finanzjament globali tal-UE għall-iżvilupp u biex iżidu l-viżibbiltà u l-komunikabbiltà tal-impatti tagħha kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab. IHEĠĠEGĠ lill-partijiet ikkonċernati Ewropej rilevanti kollha u lill-Istati Membri biex jiddiskutu t-tali proposti bil-għan li jtejbu l-istrateġiji u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom.
17. JENFASIZZA r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea u tas-SEAE fl-operazzjonalizzazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-iżvilupp, inkluż permezz ta' koordinazzjoni aħjar tal-atturi kollha tal-iżvilupp Ewropej, filwaqt li tiġi segwita l-gwida politika miżjuda pprovduta mill-Kunsill, b'mod partikolari dwar l-oġettivi tal-iżvilupp; JISTEDINHOM iżidu l-koordinazzjoni interna tagħhom kif ukoll il-kooperazzjoni tagħhom mal-Istati Membri, fost l-oħrajn, fl-impenn ta' dialogu politiku u strateġiji nazzjonali u reġjonali.
18. IHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni Ewropea, u lis-SEAE, inkluż permezz tan-netwerk tad-Delegazzjonijiet tal-UE, biex isaħħu l-isforzi tagħhom fil-koordinazzjoni tal-atturi finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp f'pajjiżi sħab, fost l-oħrajn, permezz ta' programmazzjoni pluriennali konġunta fil-livell tal-pajjiżi mal-Istati Membri, l-iżvilupp ta' pjattaformi tal-pajjiżi, kif propost ukoll mir-rapport tal-Grupp ta' Persuni Eminent tal-G20, u faċilitajiet ta' investiment reġjonali, billi jieħdu kont ta' oqfsa oħra, ilaqqgħu flimkien is-sħab rilevanti kollha u jimmassimizzaw l-impatt tal-iżvilupp u r-responsabbiltà tal-pajjiżi sħab. Dan jista' jiġi ffaċilitat, fost l-oħrajn, billi b'aktar armonizzazzjoni tal-prattiki ta' rappurtar fost l-atturi rilevanti dwar il-finanzjament tal-iżvilupp.
19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex issaħħaħ il-kapaċità eżistenti tagħha ta' finanzjament għall-iżvilupp li tevalwa l-konsistenza tal-proġetti u tal-proposti għal investiment mal-politiki tal-UE f'konformità mal-kompetenzi tagħha.
20. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Istati Membri tal-UE, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, isaħħu l-mekkaniżmi eżistenti u, fejn meħtieġ, jaħdmu lejn koordinazzjoni aħjar tal-pożizzjonijiet tal-UE f'fora u istituzzjonijiet multilaterali għall-iżvilupp sabiex jikkellmu b'vuċi tal-UE aktar koerenti. Dan għandu jinkludi wkoll il-pożizzjonijiet ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet ta' importanza strateġika, b'mod partikolari fuq il-bord tal-BERŻ.

21. JISTIENEN lill-Kummissjoni Ewropea biex tiġbor flimkien fuq bażi regolari lis-sħab Ewropej tal-finanzjament għall-iżvilupp u ta' implimentazzjoni biex jipromwovu l-armonizzazzjoni ta' strateġiji u approċċi fil-finanzjament għall-iżvilupp.
22. JISTIENEN lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-hubs Ewropej tal-għarfien u l-istituti tar-riċerka għall-iżvilupp eżistenti, billi jorbtu b'mod aktar effettiv ir-riċerka tal-UE u dik internazzjonali dwar l-iżvilupp mat-tfassil tal-politika, billi jipprovdu appoġġ għall-avvanz tal-istudji dwar l-iżvilupp u l-promozzjoni tat-tagħlim dwar ir-rappurtar u l-kejl tal-impatt tal-iżvilupp fl-UE. Huma għandhom ukoll jirriflettu fuq ħidma biex tiġi stabbilita pjattaforma komuni b'informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar proġetti li għaddejjin bħalissa u dawk ippjanati, kondizzjonijiet ta' finanzjament kif xieraq u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħhom sabiex tingħata stampa komprensiva tal-azzjoni tal-UE, filwaqt li jittieħed kont tal-għodod eżistenti.
23. JISTIENEN lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri joħolqu inċentivi biex isaħħu l-kooperazzjoni fost l-atturi tal-iżvilupp finanzjarju u tal-implimentazzjoni ta' daqsijiet, profili u kwalitajiet pożittivi differenti biex jimmassimizzaw l-impatt tal-iżvilupp, b'mod partikolari billi jappoġġaw sħubijiet inklużivi ma' istituzzjonijiet iżgħar tal-iżvilupp, u jagħmlu l-aħjar użu minn strumenti bħall-arranġamenti ta' kooperazzjoni, il-kofinanzjament, u l-proċeduri ta' dipendenza reċiproka. JISTIENEN lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa mekkaniżmi li jissimplifikaw l-aċċess għal finanzjament għall-atturi u l-istituzzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp, b'mod partikolari għal dawk li huma iżgħar.
24. JINKORAĠĠIXXI l-istabbiliment ta' standards komuni u mudelli ta' negozju għall-involviment tas-settur privat fl-implimentazzjoni tal-politika għall-iżvilupp, abbażi tal-Prinċipji ta' Finanzjament Imħallat tal-OECD u tal-Investment Dirett Barrani (IDB).
25. JISTIENEN lill-Kummissjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jirrapportaw lill-Kunsill sal-aħħar ta' Jannar 2020 dwar il-miżuri msemmija hawn fuq jew oħrajn simili li għandhom jittieħdu sabiex tissaħħaħ l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp.

26. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa ta' arkitettura finanzjarja Ewropea li għall-iżvilupp li tiffunzjona tajjeb sabiex jiġu stabbiliti standards u tingħata orjentazzjoni operattiva lill-atturi rilevanti kollha fis-sistema, u titrawwem it-tmexxija tal-UE globalment.
27. JINNOTA li bidliet istituzzjonali ewlenin biex tiġi żviluppata arkitettura finanzjarja tal-UE għall-iżvilupp ser jeħtieġu aktar riflessjoni, filwaqt li jqisu s-sistema globali; u dik il-prijorità għandha tingħata lill-użu tar-riżorsi finanzjarji eżistenti. B'mod partikolari, il-fattibbiltà tal-għażliet 1 u 3 deskritti fir-rapport tal-Grupp ta' Persuni Għorrief kif ukoll it-titjib fl-istruttura istituzzjonali attwali jixirqilha li tiġi analizzata aktar.
28. JINKARIGA lill-korpi preparatorji tal-Kunsill, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, biex iħejju mingħajr dewmien it-termini ta' referenza għal studju ta' fattibilità indipendenti. Bħala kontribut għat-tnejn ta' referenza, JISTIEDEN lill-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp biex, sal-aħħar ta' Jannar 2020, jipprovdu lill-Kunsill b'dan il-kontribut:
- i) proposti għal azzjonijiet konkreti biex jinkiseb titjib fl-istruttura istituzzjonali attwali u impatt massimu tal-iżvilupp permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u ma' istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp Ewropej u oħrajn, u permezz ta' miżuri simili oħrajn; u
  - ii) informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji, legali u operazzjonali għall-istituzzjonijiet tagħhom, taż-żewġ għażliet 1 u 3 imsemmija fir-Rapport dwar Persuni Għorrief, abbażi ta' sett speċifiku ta' mistoqsijiet biex tiġi żgurata l-komparabbiltà.
29. Bil-ħsieb li tiġi pprovduta gwida politika mill-Kunsill, inkluż l-approvazzjoni tat-termini ta' referenza sar-rebbiegħa tal-2020, JINKARIGA lill-korpi preparatorji tal-Kunsill biex, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u s-SEAE, biex jippreżentaw valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar il-passi li jmiss. JINKARIGA lill-korpi preparatorji tal-Kunsill biex jinfurmaw lill-Kunsill dwar l-eżiti tal-istudju tal-fattibbiltà sal-ħarifa tal-2020.

30. JISTIEDEN lill-korpi preparatorji tal-Kunsill biex jissorveljaw il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet; u lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar gwida dwar it-triq 'il quddiem preferuta biex tissaħħaħ l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp sa mhux aktar tard minn tmiem l-2020.
-